MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 9

30 ta' Settembru 2013

Minuti tas-seduta Nru.9 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013

**PREŻENTI**

Il-Kunsillieri kollha.

**TALBA**

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 8, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Tindif fl-inħawi tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li nġabru żewġ stimi mid-Dipartiment tas-Servizzi u l-Manifattura sabiex ikun jista' jsir *wire netting* ta' ċirkumferenza differenti – waħda 'l ġewwa mit-trunċiera u oħra 'l barra minnha. Il-prezzijiet ikkwotati jammontaw għal €3,370.86 u €6,977.61, rispettivament.

2.1.3. Is-Segretarju rrimarka li ċ-ċifri kkwotati jirrikjedu sejħa għall-istimi, jew sejħa għall-offerti. Minkejja dan huwa ser jivverifika jekk tistax tinħareġ ordni diretta, peress li s-servizz ġie kkwotat minn dipartiment tal-Gvern.

### 2.2.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol VII)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-maniġġ tat-traffiku matul il-ġranet tal-festa kien wieħed tajjeb. Huwa nnota li n-numru ta' *litter bins* ma kienx biżżejjed fiż-żona ta' Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u Triq l-Erwieħ. Huwa rringrazzja lill-Kunsillieri Dario Vella u Emvin Bartolo għall-ħidma tagħhom f'dan ir-rigward.

### 2.3.1. Art konfinanti minn Triq l-Etna u Triq Mons. Frangisk Xuereb (P/4/27)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kurja tal-Arċisqof tidher illi ser taċċetta li tgħaddi l-art lill-Kunsill għal perjodu ta' tletin sena bil-għan li jiżviluppaha għal skopijiet ta' rikrejazzjoni pubblika.

2.3.3. Kien hemm qbil li t-tliet proposti li saru dwar l-iżvilupp ta' l-art in kwistjoni għandhom jiġu studjati mit-*Tender Adjudication Board*.

2.3.4. Min-naħa tagħha l-Kurja pproponiet sabiex art oħra li tappartjeni lilha, konfinanti minn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal, tkun tista' tintuża għal skopijiet pastorali u komunitarji, billi attwalment il-*policy* NWUS 6 tal-Pjan Lokali tindika din il-proprjeta` għar-rikrejazzjoni pubblika.

2.3.5. Il-Kunsill laqa' il-proposta li saret skont il-minuta 2.3.4. u nnota li diġa saru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA sabiex tikkonsidraha bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni tal-Pjan Lokali.

### 2.4.1. Andament ta' AvventuraSajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 26.1. tas-seduta preċedenti u pproponiet li l-*helpers* li taw sehemhom f'AvventuraSajf 2013 jingħataw *vouchers* skont l-attendenza tagħhom, bir-rata ta' €1.20 fis-siegħa.

2.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

2.4.4. Is-Segretarju qal li huwa jkun f'posizzjoni li jissottometti rendikont sħiħ ta' din l-edizzjoni fis-seduta li jmiss.

### 2.5.1. Iljieli Melleħin 2013 (A/5/3/5/Vol V)

2.5.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li mid-dokumentazzjoni li kellu f'idejħ sad-data tas-seduta jirriżulta li d-dħul li kien hemm fir-rigward tal-Iljieli Melleħin ser ilaħħaq €15,900, filwaqt li l-infieq huwa stmat li jlaħħaq €21,031. Huwa qal li jkun f'posizzjoni li jagħti rendikont aktar preċiż fis-seduta li jmiss.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. *European Mobility Week – Car Free Day* 2013 (A/4/5/Vol II)

2.6.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Mellieħa kienet waħda mil-lokalitajiet li ngħataw €2,000 biex jorganizzaw attivitajiet fl-okkażjoni msemmija. Huwa kompla jgħid li l-attivita` kienet tinvolvi l-għeluq ta' Misraħ il-Parroċċa, Triq il-Parroċċa u Triq San Luqa.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1 Abbuż tal-*bring-in site* fil-Manikata (K/6/11)

2.7.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 2.1.3. tas-seduta preċedenti dwar il-*bring-in site* li attwalment tinsab fi Triq il-Manikata qrib il-*guard room* tal-Kamp t'Għajn Tuffieħa. Is-Sur C. Bartolo ppropona li din titmexxa għal Triq il-Mellieħa, fuq il-lemin, hekk kif wieħed iħalli l-knisja tal-Manikata. L-istess sit spiss jintuża mill-*picnicers*.

2.7.3. Is-Sindku kkummenta li l-Kunsill għandu jsib mezz biex jilqa' għad-domanda li jkun hemm biex jinġabru kwantitajiet żgħar ta' terrapien li jiġi ġġenerat minn xogħlijiet li jsiru fid-djar.

2.7.4. Is-Segretarju wieġeb li l-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart ġoff jipprovdi kemm għall-ġbir ta' kwantajiet żgħar ta' terrapien, kif ukoll għal żabra mill-ġonna ġġenerati minn residenzi privati.

2.7.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sit attwali għandu jiġi ssorveljat permezz tal-*Eco Wardens*.

### 2.8.1. Attivita` mid-dilettanti tal-muturi (A/6/3/1 Vol 82)

2.8.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti dwar attivita` li ġiet ospitata fil-Billy's Bar & Restaurant għad-dilettanti tal-muturi. Huwa lmenta li minkejja din l-attivita` kellha sseħħ ġewwa l-istabbilment imsemmi, filwaqt li Triq l-Għoljiet kellha tingħalaq biss għall-ipparkjar tal-muturi, irriżulta li ndaqqet mużika b'volum għoli u l-attivita` seħħet fit-triq. Is-Sur H. Fenech irrefera wkoll għal attivita` oħra simili li seħħet quddiem ir-Reflections Bar fi Triq Tas-Salib fit-8 ta' Settembru 2013, meta nħareġ permess mill-Kunsill biex tingħalaq it-triq.

2.8.3. Is-Segretarju kkummenta li l-Avviż Legali 119 tal-2002 jipprovdi illi fil-każ ta' divertiment okkażjonali l-applikazzjoni mal-Kunsill għandha ssir xahar qabel, filwaqt li fil-każ tal-kjoskijiet għandha ssir xahrejn qabel. Huwa qal li b'hekk, il-Kunsill ikollhom żmien biżżejjed biex jikkonsulta ma' entitajiet oħra, bħalma huma l-Pulizija.

2.8.4. Is-Sindku qal li dawn iż-żewġ esperjenzi wrew li b'dawn it-tip ta' permessi jiġu kkawżati nkonvenjenzi għar-residenti, u anke jinħoloq periklu. Is-Sur J. Buttigieg qal li aktar 'il quddiem huwa ser ikun qed jipproponi l-addozzjoni ta' *policy* fuq dawn it-tip ta' attivitajiet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 19/09/13;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 14/08/13 – 04/09/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/08/13 – 19/09/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' stimi – Stampar tal-ktieb – *Wartime Mellieħa*;
- Skeda ta' stimi – Servizz ta' uditur – Proġett PIM EnergEthica;
- Skeda ta' stimi – Trasport għall-Anżjani li jiffrekwentaw iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa;
- Abbozz ta' sottomissjonijiet lill-MEPA dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Restawr tal-Fortizza tas-Salib (R/2)

4.1.2. Is-Segretarju għarraf li nġabret stima ta' €375.00 mingħand Cutajar Woodworks dwar aperturi tal-injam li jeħtieġ jinbidlu fil-Fortizza tal-Salib.

4.1.3. Il-Kunsill aċċetta din l-istima, iżda kien tal-fehma li dan ix-xogħol għandu jsir kmieni matul is-sena finanzjarja 2014. Il-Kunsill innota li ż-żebgħa tal-istess aperturi ser ssir mill-membri tal-Mellieħa Scout Group.

### 4.2.1. Talba għall-ħlas ta' danni – Inċident fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-Seduta Nru. 4 tal-4 ta' Ġunju 2013, fejn ġiet ikkunsidrata talba minn Fogg Insurance Agencies Ltd, wara nċident li kienet involuta fiħ il-vettura Nru. ABC 008 fi Triq il-Wilġa, Manikata. L-inċident ġara fis-17 ta' April 2013 wara li r-rota tal-vettura msemmija waqgħet ġo ħofra li kien hemm fil-ġenb tal-istess triq. Id-danni jammontaw għal €506.70. Is-Segretarju fakkar li dakinhar il-Kunsill kien tal-fehma li fid-dokumentazzjoni sottomessa, l-ispejjeż indikati taħt "*Miscellaneous Items*" ma kinitx ċara biżżejjed, u għalhekk kien ġie deċiż li m'għandhomx jitħallsu aktar minn €100 mid-danni mitluba. Is-Segretarju għarraf li Fogg Insurance ma aċċettatx din is-somma. Oltre dan, l-istess kumpanija bgħatet ittra uffiċjali, permezz tal-avukati tagħha. L-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tar-Repubblika ntervjena biex jistaqsi lill-Kunsill x'inhi l-posizzjoni tiegħu dwar din it-talba, fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija. Kif kien mitlub, Fogg Insurance għaddiet rendikont rilaxxjat minn *surveyor,* fejn ġie spjegat li l-ispiża kienet inqassma hekk:

- Żewġ *tyres* €415.70
- *Wheel balancing* € 11.00
- Tiswija ta' *alloy wheels* € 80.00

4.2.2. Wara li l-Kunsill ra d-dokumenti mgħoddija kien tal-fehma li għandu jipproċedi bil-ħlas biex ma jidħolx f'aktar spejjeż.

### 4.3.1. *Interchange* tal-Karozzi tal-Linja (T/5/1/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 27 ta' Awwissu 2013, mibgħuta mir-residenti ta' Triq Ħalq iċ-Ċawl fejn irreferew għall-kuntatti li kien hemm mal-Kunsill preċedenti dwar l-inkonvenjenzi li qed jaffaċċjaw bit-traġitt kontinwu tal-karozzi tal-linja. Huma pproponew ukoll li jerġa jsir użu mill-*bus stop* li hemm fi Triq il-Kbira, jew tintuża l-art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza, fejn il-karozzi jkollhom spazju biżżejjed biex idawwru 'l barra mill-ewwel.

4.3.3. Is-Sindku għarraf li huwa kien mistieden jattendi laqgħa li saret fit-30 ta' Settembru 2013 mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi. Fl-istess laqgħa ġie spjegata s-sitwazzjoni f'dan is-settur, kif ukoll bit-taħditiet li għaddejjin mal-kumpanija li tipprovdi s-servizz – Arriva (Malta) Ltd. Ġie żvelat illi fost il-pjanijiet li għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, f'dak li jirrigwarda l-Mellieħa hemm:

- It-tneħħija tal-*interchange* biex isir użu mill-*bus stops* eżistenti fi Triq il-Kbira, bejn Triq Selmun u Triq ix-Xagħra Ta' Barra;
- Jispiċċaw il-*feeder lines* li attwalment jiċċirkolaw fil-Mellieħa;
- Ir-rotot kollha ser jgħaddu mit-toroq ewlenin tal-Mellieħa;
- Il-ħinijiet tar-rottot Nri. 41, 42, 44, isiru kontra xulxin biex jonqos l-interval bejniethom;
- Tispiċċa ir-rotta ċirkulari fil-Mellieħa Nru. 101;
- Tiżdied il-frekwenza fuq r-Rotta tal-Manikata Nru. 44, għal waħda kull nofs siegħa. Meta il-karozzi tal-linja jkunu ġejjin mill-Imġarr ser jibdew jgħaddu l-ewwel mill-Manikata u wara jibqgħu sejrin Għajn Tuffieħa;
- Tispiċċa r-rotta eżistenti Nru. 37 u minflok tiġi ntrodotta oħra bin-numru 250 li tgħaqqad iċ-Ċirkewwa, il-Mellieħa, l-Isptar Mater Dei u l-Belt Valletta, bi frekwenza ta' waħda kull siegħa;
- Bi frekwenza ta' waħda fis-siegħa, ir-rotta Nru. 102, ser tgħaqqad iċ-Ċirkewwa, Tal-Prajjet (Popeye Village), Mellieħa u l-Manikata;

4.3.4. Tħabbar ukoll li ser tiġi addottata *policy* li tillimita d-distanza bejn il-*bus stops* għal mhux iktar minn 600 metru.

4.3.5. Is-Sur J. Buttigieg, qal li min-naħa tiegħu huwa nsista, li l-frekwenza tar-rotot Nri. 41, 42 għandha tiżdied minn waħda kull nofs siegħa għal waħda kull 20 minuta.

4.3.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-residenti ta' Triq Ħalq iċ-Ċawl għandhom jiġu aġġornati bis-sitwazzjoni.

### 4.4.1. *Periklu* fi Triq ir-Ramla tal-Bir u Triq Għerien il-Ħida (T/3/2/Vol X)

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 10 ta' Settembru 2013, mibgħuta minn Ms Claire Zammit sabiex isiru *speed humps* fil-parti t'isfel tat-triq imsemmija, peress li teżisti kantuniera fejn is-sewwieqa ma jkunux jistgħu jaraw it-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta.

4.4.3. Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-periklu li jeżisti fi Triq Għerien il-Ħida kantuniera ma' Triq Għajn Tuffieħa, fejn qed ikun hemm sewwieqa li jibqgħu ħerġin direttament minn tal-ewwel għal tat-tieni. Dan minkejja li diġa jeżistu tabelli u sinjali tal-karreġġjata STOP.

4.4.4. Il-Kunsill approva ż-żewġ proposti u ddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta billi l-assenza ta' residenti fil-qrib ma jkunx hemm inkonvenjenzi għalihom bil-ħsejjes li jiġġeneraw.

### 4.5.1. Servizz ta' librar fil-librerija pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol III)

4.5.2. Inqrat ittra datata 14 ta' Settembru 2013, mibgħuta mis-Sinjura Nadia Vella fejn għarrfet lill-Kunsill li mhux ser tkun f'posizzjoni li tkompli taqdi l-funzjoni ta' assistent librar b'effett minn Ottubru 2013, minħabba raġunijiet ta' studju.

4.5.3. Is-Sindku ppropona li dan is-servizz jingħata minn Ms Janice Sant (ID: 64691M), li hija persuna diġa familjari mal-libererija, filwaqt li wriet interess tifaħ il-librerija nhar ta' Sibt.

### 4.6.1. Żvilupp tal-Barrieri fiż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 26 ta' Settembru 2013, mibgħut mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-perit tal-iżviluppatur tal-*Area* B, issottometta pjanti ġodda.

4.6.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-Kumitat ta' Azzjoni li twaqqaf minn fost ir-residenti qed jinsisti li l-iżvilupp tat-tliet qtajja' indikati għall-iżvilupp fil-barrieri, għandu jkun konsistenti.

Għaldaqstant huma qed jikkontendu li l-iżvilupp fl-*Area* C għandu jkun konformi mal-istess kundizzjonijiet.

4.6.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jitlob lill-*Contracts Manager* sabiex jispjega t-tibdil li sar fil-pjanti l-aktar riċenti.

## 4.7.1. Devoluzzjoni tal-Palazz tal-Marfa (A/6/7/Vol III)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 25 ta' Settembru 2013 mibgħuta mid-Direttorat tal-Artijiet dwar sejħa għall-interess li għalqet fit-22 ta' Frar 2011 dwar l-użu tal-Palazz tal-Marfa. Fl-imsemmija ittra ntqal li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ddeċieda li ma jkomplix il-proċess. Id-Diviżjoni tal-Proprjeta` tal-Gvern issa ddeċidiet li tagħmel sejħa ġdida fil-ġejjieni qarib.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jerġa jissottometti l-istess proġett, meta terġa ssir is-sejħa l-ġdida.

## 4.8.1. *Policy* tal-MEPA dwar is-*Solar Farms* (P/5/4/Vol II)

4.8.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 27 ta' Settembru 2013, mibgħut mill-MEPA fejn tħabbar li l-istess Awtorita` ġiet mitluba mill-Gvern sabiex tfassal *policy* dwar l-iżvilupp ta' *solar farms* skont l-Att dwar l-Ippjanar u l-Iżvilupp. L-għan huwa li titfassal *policy* sabiex isservi ta' gwida dwar l-introduzzjoni ta' dawn il-*farms* fuq il-bjut ta' binjiet kbar u artijiet diġa kommessi bħala żoni ndustrijali u barrieri. L-Awtorita` tat sal-14 ta' Ottubru 2013 sakemm wieħed jista' jressaq il-proposti tiegħu.

4.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li postijiet fejn hemm imsaġar, kemm jekk jeżistu fihom siġar indiġini u m'humiex, jew li għandhom il-potenzjali li jintużaw għal skop agrikolu, m'għandhomx jintużaw bħala *solar farms*. Bħala postijiet fejn dawn jistgħu jsiru fil-lokalita`, ġew indentifikati l-ġibjun tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fl-inħawi Tat-Tomna u l-bjut tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

## 4.9.1. *Policy* tal-MEPA dwar postijiet 'l barra miż-Żoni tal-Iżvilupp (P/5/4/Vol II)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 6 ta' Settembru 2013, mibgħut mill-MEPA, fejn intqal li l-istess Awtorita` qiegħda fil-proċess biex tiġbor il-*policies* tagħha dwar l-ODZ f'dokument konċiż wieħed. L-għanijiet wara dan l-eżerċizzju huma li:

- Jinħoloq bilanċ bejn il-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp fl-ODZ;
- Proċess aktar sempliċi dwar l-iżvilupp bi skop agrikolu, sabiex jgħin lill-bdiewa ġenwini;
- Konservazzjoni tal-ilma u użu sostenibbli tiegħu;
- Inkoraġġiment ta' bejgħ ta' prodotti tar-raba' mill-irziezet u agro-turiżmu;
- Rijabilitazzjoni ta' bini (inkluż dak ta' qabel l-1967) bi skop estetiku; u
- Isir użu tajjeb minn bini storiku li jinsab f'ODZ.

4.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.10.1. Festa tal-Qara' Aħmar (S/6/Vol VI)

4.10.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 28 ta' Awwissu 2013 mibgħut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, fejn l-istess koperattiva appellat għall-kolloborazzjoni tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita` li ser issir fil-Manikata fis-27 ta' Ottubru 2013.

4.10.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa kellu laqgħa mad-diriġenti tal-koperattiva u ġie propost li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-*audio* u l-kiri tal-palk, filwaqt li jalloka spazju fuq il-*billboard* tiegħu li hemm fit-Telgħa ta' Selmun. Huwa qal ukoll li ġiet diskussa l-possibilta` li jsir servizz ta' *park-and-ride* mill-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa sal-Manikata.

4.10.4. Il-Kunsill iddeċieda li s-sehem tiegħu m'għandux jaqbeż l-ispiża ta' €300.

4.10.5. Il-Kunsill qabel ukoll li l-latrina pubblika ta' Ġnien iż-Żerniq għandha tinżamm miftuha bejn it-8.00am u l-5.00pm.

### 4.11.1. *Waste Reduction Week* 2013 (K/11)

4.11.1. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għal *e-mail* datat l-1 ta' Ottubru 2013, mibgħut mill-WasteServ (Malta) Ltd, fejn saret stedina lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fil-*Waste Reduction Week* li ser isseħħ bejn is-16 u l-24 ta' Novembru 2013. Huwa spjega li din ser tkun kompetizzjoni fejn il-Kunsill jindika u janalizza l-inizjattivi li qed jieħu biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart. L-applikazzjoni jeħtieġ li tinkludi dettalji ċari dwar x'beħsiebu jorganizza l-Kunsill, kif ukoll dwar kif ser tingħata pubbliċita`. L-aktar ideja innovattiva tingħata premju ta' €500. Id-data tal-għeluq hija t-30 ta' Ottubru 2013.

4.11.2. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

### 4.12.1. Promozzjoni għall-Mellieħa f'Dubai (S/6/Vol VI)

4.12.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 10 ta' Settembru 2013, mibgħuta mis-Sur Andrew Farrugia fejn intqal li fi Frar 2014 ser ikun qiegħed jieħu sehem f'avveniment internazzjonali f'Dubai billi jagħmel mudell tal-ċikkulata għoli 18-il metru tal-Burj Kalifa, li huwa l-għola bini fid-dinja. Is-Sur Farrugia qal ukoll li qed jagħmel kuntatti mal-Ministeru tal-Kultura sabiex fl-istess okkażjoni jkun hemm ħames artisti mill-Mellieħa bil-għan li tingħata pubbliċita` il-Mellieħa li hija lokalita` turistika. Sar appell lill-Kunsill sabiex jagħti sehemu f'din l-inizjattiva.

4.12.3. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Kunsillieri E. Bartolo u P. Cutajar u s-Sur Farrugia, bil-għan li jiġu identifikati mezzi sabiex jingħata appoġġ lil din l-inizjattiva.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġew imressqa *Purchase Request Form* datata 19 ta' Settembru 2013

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fiż-żewġ skedi.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn l-14 ta' Awwissu u l-4 ta' Settembru 2013.

6.3. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-22 ta' Awwissu u d-19 ta' Settembru 2013.

6.4. Is-Sindku rrefera għall-pagament Nru. 076-09-13 **(Ref: T/12/Vol II)**, mitlub minn Malta Fair and Conventions Centre, fejn intalab ħlas għal servizzi li ngħataw waqt Ġimgħa Maltija li ttellgħet fi Brussel bejn l-4 u s-7 ta' Ottubru 2010. Is-Segretarju aċċenna li l-avukati tal-istess ditta talbu lill-Kunsill sabiex jeffettwaw il-ħlas ta' €1,040.76, liema servizzi allegatament ġew ordnati mill-istess Kunsill. Is-Sur C. Debono qal li skont ir-records, ma jirriżultax li nħarġet ebda ordni għas-servizz msemmi fl-ittra ta' GMF Advocates & Associates tal-1 ta' Ottubru 2013

6.5. Ġie deċiż li l-pagament mitlub għandu jiġi miżmum sakemm MFCC jagħtu prova li saret ordni bil-kitba min-naħa tal-Kunsill.

6.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa bl-eċċeżżjoni tal-pagament 076-09-13. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Sejħa għall-istimi Nru. 6/2013 dwar is-servizz ta' uditur b'rabta mal-Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

7.2. Is-Segretarju għarraf li saret is-sejħa għall-istimi Nru. 6/2013 sabiex ikunu jistgħu jsiru seba' verifiki ta' talbiet għar-rimbors tal-ispejjeż matul il-perjodu li jkun għaddej il-proġett, bejn Mejju 2013 u Settembru 2015. Is-Sur C. Debono fakkar li skeda tal-istimi ġiet mgħoddija lill-offerenti kollha u lill-membri kollha tal-Kunsill eżattament wara li dawn infetħu fil-preżenza tiegħu u tal-Kunsillieri J. Attard u H. Fenech. L-istimi li daħlu sad-data tal-għeluq fil-5 ta' Settembru 2013, kienu kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Ammont ikkwotat inkluż 18% VAT |
|---|---|
| Daniel Galea | €1,400.00 |
| Grant Thornton | €3,717.00 |
| Charles Scerri & Associates | €3,304.00 |
| P.K.F. Auditors | €3,717.00 |
| Deloitte Services Ltd | €3,213.14 |
| Paul Mifsud | €2,950.00 |

7.3. Il-Viċi-Sindku C. Bartolo ddikjara li huwa mpjegat mad-ditta Charles Scerri & Associates u għalhekk talab li jirtira mis-seduta waqt li kien qed jiġi kkunsidrat dan is-suġġett.

7.4. Wara li Kunsill innota illi l-offerent Daniel Galea jissodisfa l-kriterji mitluba fid-dokument tal-istima, ġie deċiż li għandha tinħareġ *purchase order* f'ismu.

## 8.1. Sejħa għall-offerti Nru. 6/2013 dwar Studju b'rabta mal-Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

8.2. Is-Segretarju għarraf li nħarġu seba' dokumenti tal-offerta, iżda rriżulta li meta nfetħu l-offerti fl-20 ta' Settembru 2013, irriżulta li kien hemm offerta waħda minn A.I.S. Environmental Ltd li kkwotaw prezz ta' €21,694.89, inkluż il-VAT. Is-Sur C. Debono fakkar li skeda tal-offerti ġiet mgħoddija lil dawk kollha li ġabru d-dokument tal-offerta, kif ukoll lill-membri tal-Kunsill eżattament wara li dawn infetħu fil-preżenza tiegħu u tas-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier H. Fenech.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jieħu l-parir tat-*Tender Adjudication Board* qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-kuntratt relattiv.

## 9.1. Sejħa għall-istimi Nru. 5/2013 dwar l-Istampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*" (P/3/5)

9.2. Is-Segretarju għarraf li saret is-sejħa għall-istimi Nru. 5/2013 sabiex jiġi pprovdut is-servizz imsemmi. Is-Sur C. Debono fakkar li skeda tal-istimi ġiet mgħoddija lill-offerenti kollha u lill-membri kollha tal-Kunsill eżattament li dawn infetħu fil-preżenza tiegħu u tas-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini. L-istimi li daħlu sad-data tal-għeluq fil-6 ta' Settembru 2013, kienu kif jidher hawn taħt:

| Offerent | Prezz ikkwotat inkluż il-VAT |
|---|---|
| John Wilson Independent Studios | €2,782.50 |
| Velprint Ltd | €1,575.00 |
| Print It Ltd | €2,445.00 |
| A & M Printing Ltd | €1,252.00 |
| Gutenberg Press Ltd | € 1,816.00 |

| | |
|---|---|
| Union Print Ltd | €2,084.25 |
| Sunland Printers Ltd | €2,415.00 |
| TIK Communications Design & Print | €2,814.00 |

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ *purchase order* lill-A. & M. Printing Ltd.

### 10.1. Sejħa għall-istimi Nru. 7/2013 dwar Trasport għall-Anzjani li jiffrekwentaw iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju għarraf li nħarġu tliet dokumenti lill-kuntratturi differenti dwar ir-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill, iżda rriżulta li meta nfetħu l-offerti fis-6 ta' Settembru 2013, daħlet offerta waħda biss minn Paramount Garages, li kkwotaw rata ta' €45, inkluż il-VAT għal kull vjaġġ. Is-Sur C. Debono fakkar li skeda tal-istimi ġiet mgħoddija lil dawk kollha li ġabru d-dokument tal-istima, kif ukoll lill-membri tal-Kunsill, eżattament wara li dawn infetħu fil-preżenza tiegħu u tas-Sindku J. Buttigieg u l-uffiċjal Y. Muscat.

10.3. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li s-servizz tal-ewwel ġimgħa tax-xahar, imsemmi fis-sejħa, fil-fatt mhux ser isir għalissa billi attwalment ma ssirx Quddiesa speċifikament f'dan il-jum biss. Huwa qal li s-servizz għalhekk ser ikun meħtieġ nhar ta' Tlieta u l-Ħamis.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ *purchase order* lill-Paramount Garages sabiex ikun jista' jingħata s-servizz b'effett min-nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2013, sakemm ma tinqabisx l-ispiża ta' €4,658.

### 11.1. Rendikont Finanzjarju – April/Ġunju 2013 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

11.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

### 12.1. Applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett taħt il-Miżura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/23)

12.2. Il-Viċi Sindku rrefera għas-sejħa li saret mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral sabiex jiġu sottomessi proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-Miżura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EARFD). Huwa qal li saru kuntatti mal-Koperattiva Rurali tal-Manikata dwar din l-opportunita` u kien hemm qbil li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat li ssir applikazzjoni f'isem il-Kunsill bil-għan li tiġi rrestawrata dik li qabel kienet l-Armerija tal-Kamp f'Għajn Tuffieħa. Billi l-Kunsill m'għandux titolu fuq din il-proprjeta`, is-Sur C. Bartolo għarraf li għaddejjin kuntatti biex dan jiġi formalizzat b'titolu ta' devoluzzjoni, bil-għan li wara jsir ftehim ta' tmexxija bejn il-Kunsill u l-Koperattiva, bl-istess mod li sar fir-rigward tal-Batterija ta' Westreme u x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija.

12.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li l-applikazzjoni ġiet sottomessa fit-23 ta' Settembru 2013, wara li nkiseb servizz ta' konsulenza mingħand E-Cubed Consultancy u n-Nutar Jonathan Vella. Il-proġett sottomess huwa stmat li jiswa €124,384.53 inkluż il-VAT.

12.4. Is-Segretarju qal li l-*Managing Authority* allokat is-somma totali €632,816.41 għal din is-sejħa taħt il-Miżura 313. Il-proġetti li jiġu magħżula ser ikunu ffinanzjati fir-rata 75% mill-EAFRD, filwaqt li l-25% li jifdal jitħallsu mill-Gvern Malti. Fil-każ ta' entitajiet pubbliċi, l-element tal-VAT irid jagħmel tajjeb għalih l-applikant. Dan ifisser li l-Kunsill jeħtieġ li jalloka €18,974 mill-fondi tiegħu fl-Estimi Finanzjarji tiegħu għas-sena 2014, kemm-il darba l-proġett jiġi approvat.

12.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**13.1. Proċess ta' konsultazzjoni dwar il-Pjan Lokali (P/5/1/Vol III)**

13.2. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa nformali li attendew il-Kunsillieri kollha, kif ukoll il-Perit Joseph Attard, fejn ġew riveduti l-punti miġbura mill-konsulenti Adi Associates, wara s-seminar li sar fl-24 ta' Awwissu 2013, kif ukoll s-sessjoni konsultativa li saret fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja fid-9 ta' Settembru 2013. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li b'żieda ma' dawn, kien hemm qbil li fis-sottomissjonijiet li għandhom jsiru lill-MEPA għandu jkun hemm:

- Il-ħtieġa li jsiru modifiki fit-triq tal-Għadira bil-għan li jitrazzan it-telf ta' aktar ramel;
- Li tiġi studjata l-vijabilita` li ssir *aerial connection* bejn l-Għadira u l-Mellieħa; u
- Tiġi studjata l-possibilta` li ssir mina taħt Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira biex tieħu traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni tal-Għadira lejn il-Mellieħa.
- Li art konfinanti minn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal, tkun tista' tintuża għal skopijiet pastorali u komunitarji, billi attwalment il-*policy* NWUS 6 tal-Pjan Lokali tindika din il-proprjeta` għar-rikrejazzjoni pubblika.

13.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA sad data stipulata kemm billi ntbagħtet ittra, kif ukoll permezz tas-sit elettroniku tal-istess Awtorita`.

**14.1. Tmexxija tal-*Heritage Trail* fil-Manikata (P/4/26)**

14.2. Is-Sindku ppropona li t-tmexxija tal-*heritage trail* li jinsab fl-inħawi ta' Triq ir-Raded għandu jiġi mgħoddi lill-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Is-Sur J. Buttigieg qal li minbarra illi l-koperattiva qiegħda f'qagħda aħjar mill-Kunsill biex taqdi din il-funzjoni, l-istess proġett jiżdied ma' attrazzjoni oħra eżistenti fil-*heritage trail* li huma jmexxu fl-inħawi tar-Razzett tal-Qasam fil-Manikata stess.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab li jitfassal abbozz tal-ftehim li jirregola din ir-relazzjoni.

**15.1. Proġett tal-Parkeġġ taħt Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/25)**

15.2. Is-Sindku għarraf li tlesta d-disinn tal-proġett imsemmi u ressaq kopja tal-pjanti relatati.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li kopja tal-pjanti għandha tiġi esibita fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata sabiex ir-residenti u l-pubbliku in ġenerali jkollhom l-opportunita` jagħtu l-opinjoni tagħhom.

**16.1. Periklu fi Triq Ġuże` Flores (T/3/2/Vol X)**

16.2. Is-Sindku ppropona li għal raġunijiet ta' siġurta` għat-tfal li jiffrekwentaw il-bandli ta' Ġnien Dun Anton Debono u l-Park tal-Familja, Triq Ġuże` Flores għandha tingħalaq għat-traffiku bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace.

16.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda sabiex iħabbar l-intenzjonijiet tiegħu fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa", bil-għan li l-pubbliku jkollu l-opportunita` jressaq l-opinjoni tiegħu dwar din il-miżura.

**17.1. Tiżjin ta' toroq ewlenin fil-perjodu tal-Milied (T/4/15)**

17.2. Is-Sindku ppropona li ssir sejħa għall-istimi sabiex jiżżejnu t-toroq ewlenin bejn it-8 ta' Diċembru 2013 u s-6 ta' Jannar 2014.

17.3. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ sejħiet separat dwar Triq il-Kbira, bejn Triq Snajjin u Triq il-Mitħna l-Qadima, u Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Adenau.

17.4. Kien hemm qbil li minħabba d-daqs limitat ta' Triq il-Parroċċa fil-Mellieħa u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, il-Kunsill iddeċieda li d-dwal f'dawn il-postijiet għandhom jingħataw b'ordni diretta.

**18.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li l-ħarġa li jmiss tkun fis-17 ta' Ottubru 2013 fiż-Żejtun. Huwa ppjanat li din tkun tikkonsisti f'dawra ma' dan ir-raħal, kif ukoll żjara fil-kappella ta' San Girgor.

18.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

## 19.1. Korsijiet organizzati mill-Kunsill
## (E/3/1/5/Vol III) E/3/1/11)(E/3/1/8)(E/3/1/9 Vol IV)(E/3/1/1)

19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-lezzjoni tal-Malti organizzati taħt l-Iskema tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, ser jibdew kmieni f'Ottubru 2013 bil-lezzjonijiet isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill.

19.3. Hija kompliet tgħid li bil-kollaborazzjoni mal-*Health Promotion Department* ser isir kors tal-Aerobics fl-uffiċċju tal-Kunsill, filwaqt li ser jitkomplew il-lezzjonijiet ieħor taż-żfin Zumba fis-Sala tal-Iskola Primarja.

19.4. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet ukoll li permezz tal-kumpanija TCTC Ltd għadu kemm ġew konklużi korsijiet tal-kompjuter li għalihom attendew 73 tifel u tifla, liema korsijiet saru fis-Sala tal-Kunsill.

19.5. L-istess kunsilliera pproponiet ukoll li ssir sejħa għall-interess dwar korsijiet fil-Litteriżmu, bil-għan li tiġi evalwati d-domanda li teżisti għal dan it-tip ta' tagħlim bażiku.

19.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposti li saru.

## 20.1. Taraġ fi Triq il-Mitħna l-Qadima (P/4/17)

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għat-tisbiħ li kien sar mill-Kunsill xi snin ilu, kif ukoll għall-puġġaman li twaħħal aktar riċenti f'parti minn dan it-taraġ. Hija pproponiet li dan jitkompla sabiex il-puġġaman ikun jestendi tul it-taraġ kollu.

20.3. Is-Sindku kkummenta li l-puġġaman kien sar proviżjorjament għall-benefiċċju ta' residenta li għandha problema ta' mobilita`. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li kien sar disinn ta' dan il-puġġaman, li huwa differenti min dak li twaħħal proviżorjament. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li biex isiru puġġamani matul iż-żewġ turġien jirrikjedu spiża sostanzjali, li wieħed irid jara kif tista' tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' prioritajiet oħra li għandu l-Kunsill.

## 21.1. Trasferiment ta' *cables* fiż-żona Ta' Masrija (T/1/1)

21.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li minkejja li jeżistu *service culverts* fiż-żona ta' Masrija, wieħed għadu jara *cables* tal-Melita Cable mal-faċċati tal-bini. Għaldaqstant huwa appella sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni biex dawn jiġu trasferiti għall-*culverts* li kienu ġew provduti mill-Gvern Ċentrali meta saru t-toroq.

21.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 22.1. Bandli għal persuni b'diżabilita` (P/4/14)(P/4/22)

22.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li jiġu pprovduti bandli addattati għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fil-*playing fields* ta' Triq l-Erwieħ u dik ta' Misraħ tas-Salib. Huwa spjega li jeżistu bandli li jiffaċilitaw t-trasferiment ta' persuna minn siġġu tar-roti, filwaqt li hemm oħrajn li huma *seats* normali, iżda joffru aktar siġurta` peress li t-tfal ikunu jistgħu jintrabtu biex ma jaqgħux.

22.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinkiseb parir dwar jekk il-faċilitajiet imsemmija jistgħux jintramaw fuq bandli eżistenti. Jekk dan ikun il-każ, għandu jinġiebu stimi għall-konsiderazzjoni.

## 23.1. Cimiterju Omm il-Ħniena (C/7)

23.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf illi fuq inkarigu tal-Kunsill għaddej xogħol ta' manutenzjoni fuq il-ħajt ta' barra li jħares fuq Triq il-Marfa fiċ-ċimiterju msemmija. Il-ġebel li tmermer qed jitneħħa u jinbidel ma' ieħor antik, imma li għadu fi stat tajjeb.

23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 24.1. Tindif volontarju fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)

24.2. Il-Kunsillier D. Vella għarraf li huwa ġie kkuntattjat mid-diriġenti tal-Park fejn għarrfuħ li nhar is-Sibt 26 ta' Ottubru 2013 ser jorganizzaw *clean-up* fl-istess park. Huma talbu sabiex il-Kunsill jallokalhom *open skip* sabiex fiha jitqiegħed l-iskart li jinġabar.

24.3. Il-Kunsill laqa' t-talba.

### 25.1. *Tournaments* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)

25.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona lill-Kunsill sabiex issir sejħa għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet imsemmija għall-istaġun 2013/2014.

25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 26.1. Permessi għall-ikkampjar (C/4/Vol IV)

26.2. Il-Kunsillier H. Fenech ilmenta li ġie avviċinat minn persuna li armat kamp u ġiet imġielgħa mill-Pulizija sabiex iżżarmaħ. Dan peress li ma kienx f'wieħed mill-postijiet indikat għal din it-tip ta' attivita`, bħalma huma t-tliet żoni li hemm ġewwa l-Aħrax. Irriżulta li ftit 'il bogħod kien hemm xi ħadd ieħor li tħalla hemm peress li kellu permess bil-miktub mill-Kunsill biex jikkampja. Is-Sur Fenech qal li din l-inkonsistenza mhix aċċettabbli, għaliex tnaqqas il-kredibita` tal-Kunsill mal-pubbliku.

26.3. Is-Sindku kkummenta li l-inkonsistenza mhix aċċettabbli, iżda tenna li teżisti domanda qawwija mill-pubbliku sabiex jiġi ttollerat ikkampjar qrib il-kosta, filwaqt li mhux dejjem ikun possibbli li jsir monitoraġġ ta' fejn qiegħed isir l-ikkampjar.

### 27.1. Użu tal-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (Z/1/Vol V)

27.2. l-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie mitlub mid-diriġenti tal-Mellieħa Youths sabiex jagħmlu użu mill-*billboard* imsemmija, bejn it-8 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2013 bil-għan li tingħata pubbliċita` lil attivita` li huma qed jorganizzaw lejn in-nofs ta' Diċembru 2013.

27.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 28.1. Proġett – *Vela: Sincronia e Diacronia Sul Filo dell'Acqua* (P/10/8)

28.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf lill-Kunsill li saret proposta sabiex il-Kunsill jissieħeb fil-proġett imsemmi. Hija l-intenzjoni li ssir applikazzjoni għall-fondi taħt il-programm operattiv – Malta-Italia – tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta saret mill-Associazione Bagni Marini di Andora li tinsab fil-provinċja ta' Savona fl-Italja. Qed isir sforz biex jinstab sieħeb ieħor fil-proġett mill-provinċja ta' Oristano li tinsab fil-gżira ta' Korsika. Ġie spjegat li l-proġett jinvolvi riċerka u studji dwar arkeoloġija taħt wiċċ il-baħar li jkopru elfejn sena ta' navigazzjoni. Dan proġett ġie mqanqal mir-rabtiet politiċi u kummerċjali li eżistew fuq medda ta' żewġ sekli, li xhieda tagħhom huma l-fdalijiet arkeoloġiċi li jeżistu f'qiegħ il-baħar.

28.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinkisbu aktar dettalji.

### 29.1. Tħejjijiet għall-Milied Mellieħi 2013 (A/5/3/6/Vol III)

29.2. Il-Viċi Sindku ppropona li Milied Melleħi jiżvolġu f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa bejn il-21 u l-25 ta' Diċembru 2013, b'*soft opening* li jsir fl-20 tal-istess xhar fil-Manikata. Is-Sur C. Bartolo ssuġġerixxa wkoll illi l-għotjiet li jingħataw mill-għaqdiet li jkunu qed jipparteċipaw taħt it-tinda għandhom imorru għall-*Community Chest Fund*.

29.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li fl-edizzjoni ta' din is-sena, l-għotjiet għandhom jmorru għal xi kawża lokali, bħalma huwa l-bini tal-MUSEUM li qed isir fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*.

29.4. Il-Kunsill iddeċieda li fl-edizzjoni li jmiss għandha tibbenefika l-*Community Chest Fund*, filwaqt li f'dik tal-2014, l-għotjiet għandhom imorru b'rizq il-bini tal-MUSEUM.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Ottubru 2013 fis-7.00pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**